# Il-Maskil u l-Femminil

**L-isem tal-attività:** Kwiżż: Il-maskil u l-femminil - Il-Grammatika

**Is-sena:** Is-seba' sena

**L-għan tal-attività:** L-istudenti jidentifikaw in-nomi maskili u n-nomi femminili.

**Id-deskrizzjoni tal-attività:** F'dan il-kwiżż l-istudenti jridu jagħżlu t-tweġiba t-tajba skont jekk l-isem tad-dar (in-nom) hux maskil jew femminil. Għal din l-attività l-aħjar li l-għalliema tieħu lill-istudenti fil-laboratorju tal-kompjuter biex l-istudenti jkunu jistgħu jaħdmu fi gruppi b'mod awtonomu. Jekk dan mhux possibbli, l-għalliema tista' taqsam l-istudenti fi gruppi u l-istudenti jiktbu t-tweġiba t-tajba fuq mini-whiteboard mogħti lilhom mill-għalliema.

**L-istruzzjonijiet għal wara dan il-kwiżż:**

L-għalliema tistaqsi lill-istudenti dawn il-mistoqsijiet:

1. X'innutajtu fin-nomi waqt dan il-kwiżż?
2. Għaliex taħsbu li ħafna mill-ismijiet tad-dar huma nomi femminili?
3. X'qed tinnotaw fin-nomi li huma femminili?
4. U f'dawk li huma maskili?

Wara dan il-kwiżż l-għalliema tistaqsi lill-istudenti x'inhu l-isem tad-dar tagħhom u titlobhom jiktbuh fuq il-bord. Wara l-istudenti jiddiskutu l-ismijiet tad-djar li huma bil-Malti u jaraw liema huma n-nomi maskili u femminili.

**Link:** https://learningapps.org/watch?v=px7vd97b318

